**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2019**

**Talba Nru: 182/19 CZ**

**Western Company Limited (C 19994)**

**vs.**

**Matthew Charles Costigan**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 ta' Lulju 2019 fejn premettiet:

It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, seba' mija u tlitt Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€4,703.27) rapprezentanti din is-somma in kwantu ghal elfejn u seba' mitt Euro (€2,700) ta' vann bin-numru ta' registrazzjoni HBB 826 u storage kif jirrizulta mill-anness Dok. A, u in kwantu ghal elfejn u tliet mitt Euro u sebgha u ghoxrin

centezmu (€2,003.27) merca mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut ta' hanut 'Ta' Paris Store', Triq Cesalpina, Ta' Paris, B'Kara.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' zewg ittri ufficcjali (Dok. C u D) datati l-4 ta' Mejju 2019 u mandat ta' sekwestru datat 9 ta' Lulju 2019, u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentatx risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, seba' mija u tlitt Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€4,703.27) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba, u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur